# Lyon, France

**INŻURU:**
Lyon – Annecy – Dijon – Grenoble

**GRUPP A:** 11 – 15 ta' Lulju
**GRUPP B:** 15 – 19 t'Awwissu

## IT-TLIETA
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.30 għat-titjira KM482 li ttir fis-07.40 u naslu Geneva ġewwa l-Svizzera fl- 09.55. Transfer bil-kowċ lejn Franza lejn iċ-ċentru ta' **Lyon**. Malli naslu jkollna City Tour biex niskopru s-sbuħija ta' din il-belt ta' Lyon mibnija madwar żewġ xmajjar kbar: (Rhone u Saone). Inżuru l-Katidral medjevali b'arloġġ astronomiku u stained glass tas-Seklu 14, Place Bellecour, La Basilique Notre Dame De Fourviere tas-Seklu 19, Place des Terreaux, Bartholde fountain u Hotel De Ville. Check in ġewwa Hotel Mercure Centre Plaza Republique 4*. Wara ħarġa mal-leader

## IT-TLIETA
Breakfast u tluq biex inżuru l-ġmiel pittoresk tal-**Alpi Franċiżi** ġewwa l-belt t'**Annecy**. Fid-dawra tagħna mal-belt nammiraw is-sbuħija u l-arkitettura tal-belt antika fil-postijiet storiċi. Palais de l'Ile, St.Pierre Cathedral, St. Francis Church, il-kastell u l-kanali jagħmlu lil din il-belt ġawhra mill-ifjen. Ikollna fil-ħin liberu għax-xiri u sightseeing jew min irid jista' jmur cruise (extra) madwar il-lag sabiħ t'Annecy. Passiġġata mal-lag mhux ta' min jitlifha!

## L-ERBGĦA
Breakfast, wara ġurnata interessanti ser teħodna **Dijon** li hija l-belt kapitali tar-Reġjun Storiku tal-Burgundy fil-Lvant ta' Franza. Kif naslu nżuru Place De la Republique, it-triq ċentrali Rue De La liberte', il-Katidral Saint Benigne, Palace of the Dukes, Auditorium Robert Poujade u Porte Guillaume. Ħin liberu u wara mmorru ġewwa Centre Commercial La Toison għal shopping.

## IL-ĦAMIS
Breakfast u ħin liberu, iżda min irid ikun jista' jmut mat-tour leader bit-trasport pubbliku biex iżżuru **Park De La Tete D'Or** fejn tidħlu fiz-Zoo ta' Lyon li jżuruh madwar 3 miljun viżitatur fis-sena.
Aktar tard wara nofs inhar jkollna l-opportunita' li nagħmlu '**Boat-Tour'** ma' gwida fuq ix-xmara Saone biex niskopru l-monumenti simboliċi tal-belt minn angolu ieħor.



## IS-SIBT
Wara l-breakast Illum ser immorru lejn l-għoljiet u nilħqu l-qċaċet tal-muntanji majestużi ta' l-**Alpi Franċiżi** fir-reġjun ta' Auvergne-Rhone biex inżuru **Grenoble**. Jispikka x-xenarju glorjuż li joffri nifs ta' arja friska u pura. Belt sabiħa madwar ix-xmara Isere. Il-mawra tagħna tibda miċ-ċentru Storiku fejn inżuru l-Katedral Notre-Dame. Inkomplu lejn Rue Sainte Clair, Rue De la Republique, Place Granette, Houses of Parliament u Quai Stephane jay fejn naraw veduta sabiħa tax-xmara Isere u l-għoljiet ta' **Mont Rachais** madwar Grenoble. Ħin liberu u wara mmorru dawra sa 'Jardin De Ville' minn fejn naqbdu it-Telepherique Grenoble Bastille fejn nitilgħu bil-cable cars magħrufa bħala (The Bubbles) minn fejn naraw xeni spettakolari tal-muntanji u ta' Grenoble u x-xmara. Wara tluq lejn l-ajruport ta'Lyon għat-titjira lura lejn Malta mal-KM455 li ttir fid-21:30 u tasal Malta f' 23:40pm.

**5** T'IJIEM

MINN € **830** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra żewġ persuni | €880 | €830 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,200 | €1,150 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €740 | €690 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira Air Malta; Malta – Lyon - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 5 iljieli-Hotel Mercure Centre Plaza Republique 4*
- Buffet Breakfast Kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

